*16 ta' Dicembru 2024*

## Wisq kumbinazzjonijiet!

Marco Bonnici
President tal-Malta Union of Teachers

Dak li seħħ ftit tal-jiem ilu, meta l-gvern f'daqqa waħda waqqaf in-negozjati mal-MUT dwar il-ftehim kollettiv tal-MCAST (u għaldaqstant tal-ITS) u ħareġ jattakka lill-MUT, kien ippjanat sew u minn qabel. Dawk li jidhru kumbinazzjonijiet, u li se nispjega hawn taħt, ma huma kumbinazzjonijiet xejn iżda azzjoni strateġika indirizzata, mingħalihom, biex iddgħajjef il-pożizzjoni tal-MUT. Issa li l-istampa qed tidher b'mod ċar ħafna nistgħu naslu għall-konklużjoni li l-gvern ma riedx ikompli jinnegozja dan il-ftehim.

Dan is-sajf il-gvern keċċa lill-Prinċipal u s-CEO tal-MCAST u ħatar bord temporanju għat-tmexxija tal-MCAST. Wara ftit keċċa wkoll lill-President tal-MCAST. Minnufih il-gvern ħatar President ġdid, Horace Laudi, u n-negozjati bdew isiru miegħu matul is-sajf. Ma kienx hemm progress sostanzjali u hekk kif inħatar il-Prinċipal il-ġdid Stephen Vella, mingħajr ma għamel lanqas laqgħa waħda ta' negozjati, kiteb lill-MUT sabiex twaqqaf id-direttivi u tmur għall-arbitraġġ għax inkella kien se jieħu passi legali kontiha. Dan wassal għal protesta mill-MUT fl-MCAST f'Ottubru, bil-parteċipazzjoni tal-membri tal-MUT, li fiha tħabbru l-estensjonijiet tad-direttivi.

Wara dan il-fatt in-negozjati ħaduhom f'idejhom l-OPM, taħt it-tmexxija tas-Segretarju Permanenti Joyce Cassar. Matul l-ewwel laqgħat sirna nafu li l-ftehim kien intefa' t-Tribunal Industrijali. Għall-bidu kien hemm iċ-ċaħda tal-OPM iżda wara ġie kkonfermat li l-bord tat-Tribunal kien ġie maħtur. B'intervent tal-Ministeru tal-Edukazzjoni l-każ quddiem it-Tribunal Industrijali ġie rtirat sabiex jitkomplew in-negozjati.

Saru skeda ta' laqgħat ta' negozjati, u dawn inżammu dejjem sabiex kif maqbul bejn iż-żewġ partijiet in-negozjati tal-ftehim, li ilu li skada tliet snin, jingħalqu sal-Milied. In-negozjati kienu qed iwasslu għal progress, li kien qed jinħass. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni talab lill-MUT sabiex ikollu stampa ċara permezz ta' lista ta' x'ġie maqbul u x'għad fadal għad-diskussjoni, bil-għan li, skont hu, jintervjeni fejn ikun għad fadal id-diffikultajiet. Din il-lista ntbagħtet mill-MUT nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru, kif kien maqbul. Matul dan il-jum kien hemm l-iffirmar tal-ftehim kollettiv għall-impjegati tas-Servizz Pubbliku u l-MUT kienet waħda mill-għaxar unions firmatarji. Il-gvern kellu bżonn li sa din id-data ma jinqala' xejn li jaffettwa l-iffirmar tal-ftehim taċ-Ċivil.

Nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru saret laqgħa oħra ta'negozjati u kien irreġistrat progress, filwaqt li konna qed inħarsu lejn il-laqgħat li kien għad fadal skedati sal-Milied, li kienu twal mhux ħażin u jinkludu wkoll ġurnata sħiħa ta' negozjati. It-Tnejn filgħaxija, matul protesta tal-Partit Nazzjonalista fil-Belt Valletta, lettur tal-MCAST tkellmet dwar is-sitwazzjoni li jinsabu fiha minħabba, fost l-oħrajn, id-dewmien ta' tliet snin ta' negozjati.

L-għada t-Tlieta 3 ta' Diċembru s-sitwazzjoni dehret li nbidlet. In-negozjaturi tal-OPM damu ma niżlu għal-laqgħa għax kienu qed jiltaqgħu għand is-Segretarju Permanenti Joyce Cassar. Kif niżlu stajna naraw minn wiċċhom li xejn ma kien għadu kif kien. Joyce Cassar insistiet li tagħmel statement u li tirrekordja lilha nnifisha tagħmel dan permezz tal-mowbajl. Aħna qbilna li nibqgħu siekta. Dik il-lista li aħna tajna lill-Ministeru ftit tal-jiem qabel intużat sabiex Joyce Cassar tisħaq li l-proposti kollha li għad fadal mhuma se jiġu aċċettati qatt mill-gvern. Qaltilna wkoll li jekk sal-għada (l-Erbgħa 4 ta' Diċembru)

ma nirtirawx id-direttivi, mhux ser ikun hemm iżjed negozjati. Ir-risposta tagħna lilha kienet li d-direttivi jiġu rtirati meta jkollna ftehim u mhux qabel. Il-laqgħa ta' negozjati li kellha ttul sitt sigħat intemmet ħesrem fi ftit minuti.

Il-gvern ħareġ stqarrija, l-MUT irrispondiet u kien jidher ċar li l-kwistjoni ma kinitx se tieqaf hemm. Is-Segretarju Permanenti Joyce Cassar sejħet konferenza għall-media nhar il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru. Issejħet fil-ħin li jien kont ser inkun qed inħalli Malta għal ftit jiem. Dan iżda ma seħħx u jien bqajt Malta minħabba raġunijiet mhux marbuta ma' din il-kwistjoni. Dan ħasad lill-gvern, li ħaseb li kien se jirbaħ il-ħin minħabba l-fatt li jien kont se nkun imsiefer.

L-MUT irreaġixxiet fil-waqt u bis-saħħa għal dak li ntqal mill-gvern, u għadha qed tagħmel hekk sal-lum. Dan filwaqt li qed tibqa' ssostni li lesta tkompli tinnegozja sabiex tagħlaq il-ftehimiet tal-MCAST u tal-ITS jekk il-gvern irid tassew jagħlaqhom. L-attakki kontinwi fuq l-MUT mill-gvern żgur mhux se jgħinu biex jingħalqu dawn il-ftehimiet.